MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 364/2019 LM

**Dorian Grech (K.I. nru. 543089(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Janice Azzopardi (K.I. nru. 552477(M))**
**Janice & Sons Ltd (C 80446)**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Dorian Grech (K.I. nru. 543089(M))** [hawnhekk 'l-appellant'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-16 ta' Frar, 2022, fejn l-imsemmi Tribunal iddeċieda t-

talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimata **Janice Azzopardi (K.I. nru. 552477(M))** [hawnhekk 'l-appellata'] u s-soċjetà intimata **Janice & Sons Ltd (C 80446)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] kif ġej:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi mil-kawża billi in kwantu għat-talba promotriċi u r-risposta għaliha, jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Janice Azzopardi sabiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, u jiċħad it-talba attriċi. Kwantu għall-kontrotalba, it-Tribunal għar-raġunijiet imsemmija jilqa' t-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u jordna lill-attur rikonvenzjonat iħallas s-somma ta' erbgħa u erbgħin Euro (€44.00) bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza.*
>
> *L-ispejjeż u d-drittijiet relattivi għad-digriet datat 13 ta' Lulju, 2020 (fn. 35 A fol 118 et seq tal-proċess) jitħallsu mis-soċjetà konvenuta, dawk relattivi għat-talba promotriċi għandhom jitħallsu żewġ terzi 2/3 mill-attur u terz (1/3) mis-soċjetà konvenuta, filwaqt dawk relattivi għall-kontrotalba għandhom jitħallsu kollha mill-attur rikonvenzjonat. L-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jitħallas mill-attur rikonvenzjonat".*

## Fatti

2. L-appellant għamel xi żmien jaħdem bħala konsulent *ossia* sensar *self-employed* mas-soċjetà appellata skont il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fl-10 ta' Awwissu, 2018[1], u soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet l-oħra ndikati bħala *policies* f'dokument separat li huwa wkoll iffirma għalihom.[2] Wara xi żmien fejn l-appellant kien għamel perijodu nieqes mix-xogħol minħabba u konsegwenti għal intervent mediku, huwa kien wera x-xewqa li jirritorna lura fl-istess xogħol billi kkomunika ma' Janice Azzopardi fil-4 ta' Settembru, 2019, iżda wkoll li jitħallas tas-servizzi reżi.[3] Sussegwentement permezz ta' korrispondenza datata

[1] Ara Dok. B *a fol.* 32.
[2] Ara Dok. A *a fol.* 29.
[3] Dok. E *a fol.* 196.

25 ta' Novembru, 2019[4], ġie nfurmat li skont dawk il-kundizzjonijiet li kien iffirma għalihom, huwa kellu jħallas lis-soċjetà appellata l-ammont ta' €5,000.00, għaliex kull persuna li kienet tagħżel li tinħall mill-ftehim wara tliet xhur iżda mhux wara tliet snin, kienet tenuta tiddennizza lis-soċjetà appellanta l-imsemmi ammont li kien jirrappreżenta d-dritt għat-taħriġ mogħti lilha. Fil-każ tiegħu, ġie mgħarraf li ġie deċiż mill-*management* li kellha ssir tpaċija bejn dan l-ammont u dak l-ammont dovut lilu, u dan minkejja li l-ammont dovut lilu kien inqas minn dak tal-ewwel.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-15 ta' Novembru, 2019 permezz ta' Avviż tat-Talba fejn talab lit-Tribunal sabiex:

> *"jikkundanna lill-konvenuta Janice Azzopardi sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' erbgħat elef, disgħa mija u sitta u ħamsin Euro (€4,956.00).*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju intavolat konvestwalment u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv, b'dana li l-konvenuta hija minn issa nġunta in-subizzjoni".*

4. Is-soċjetà intimata ppreżentat ir-risposta tagħha fit-12 ta' Diċembru, 2019 fejn eċċepiet: (i) hija ma kinitx baqgħet inadempjenti fil-konfront tal-appellant; (ii) hija m'għandha tħallas l-ebda ammont lill-appellant stante li huwa dovut lejha s-somma ta' €5,000.00; (iii) l-appellant kien ġie nfurmat b'dan; (iv) permezz ta' tpaċija l-appellant kellu jagħtiha d-differenza bejn €5,000.00 u €4,956.00, jiġifieri €44.00; salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż,

[4] Dok. D *a fol.* 46.

anki dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat mill-appellant. Flimkien mar-risposta tagħha, is-soċjetà intimata ppreżentat kontro-talba fil-konfront tar-rikorrent għall-ħlas ta' €44.00, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

5. L-intimata ppreżentat ir-risposta tagħha fl-istess jum, fejn eċċepiet: (i) in linea preliminari, hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-appellant u hija kienet aġixxiet fil-konfront tiegħu bħala direttriċi tas-soċjetà appellata; (ii) bla preġudizzju, hija ma kellha l-ebda debitu fil-konfront tal-appellant; salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra l-appellant, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ntavolat minnu.

6. L-appellant wieġeb għall-kontro-talba tas-soċjetà appellata fil-11 ta' Frar, 2020, fejn eċċepixxa li huwa m'għandu jagħmel l-ebda rifużjoni lis-soċjetà appellata, iżda għandu jitħallas għas-servizz ta' senserija li huwa ppresta fuq żewġ kuntratti, u dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u spejjeż oħra tal-kontro-risposta.

## Id-deċiżjoni appellata

7. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> *"It-Tribunal ser jibda mill-eċċezzjoni mogħtija in linea preliminari mill-konvenuta Janice Azzopardi fejn talbet li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi hija ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur stante li aġixxiet fil-konfront tiegħu bħala direttriċi tas-soċjetà konvenuta Janice & Sons Ltd (C80446).*
>
> *In kwantu ta' din l-eċċezzjoni, jirriżulta mill-*Policy document*, (fn. 18 A fol 29 et seq tal-proċess)* Consultancy Agreement*, (fn. 19 A fol 32 et seq tal-proċess) kif ukoll minn*

Non-Disclosure Agreement*, (fn. 20 A fol 42 et seq tal-proċess) ippreżentati kemm mill-attur, kif ukoll mis-soċjetà konvenuta illi l-firmatarji huma huwa nnifsu u l-kumpannija Janice & Sons Limited (C80446) fejn iffirmat il-konvenuta Janice Azzopardi f'isem il-kumpannija konvenuta.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' tali eċċezzjoni.*

*It-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi dwar l-ammont pretiż ta' €4,956 li jirrappreżentaw senserija dovuta lilu ta' żewġ kuntratti ppublikati bl-intervent tal-istess attur meta huwa kien qed jippresta s-servizzi tiegħu mal-istess kumpannija.*

*It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi mid-dokument prodotti miż-żewg partijiet, kif ukoll kif jirriżulta mid-dokument esebiet mir-rappreżentant tal-Jobsplus li l-ftehim iffirmat kien ta' konsulenza u mhux ta' impjieg.*

*Iż-żewġ kuntratti li l-attur għamel referenza għalihom huma, dak ippubblikat fit-22 ta' Mejju, 2019 minn Nutar Dr. Maria Stella Magri, u dak ippubblikat fit-22 ta' Ottubru 2019 minn Nutar Dr. Daniel Bugeja. Fl-affidavit tagħha Janice Azzopardi qalet:*

> "Sensara Malta" għalqet għajnejha kemm-il darba fir-rigward ta' Dorian Grech. Ħafna kienu d-drabi meta l-istess ġie awtomatikament maħruġ mis-sistema u dejjem wara xi żmien jerġa' jċempel bi skuża sabiex jerġa' jingħata l-aċċess. Darba ma smajniex mingħandu għal żmien għax mietet in-nanna, darba oħra kellu jagħmel operazzjoni, darba ohra qal li habat bil-karozza, u hafna drabi kien jgħid li kien marid. Darba minnhom saħansitra ċempel isaqsi biex jinħareġ mis-sistema għax kienu qegħdin ifittxuh tas-*cyber crime*. L-iskużi u l-kumbinazzjonijeit qatt ma jieqfu ma' Dorian Grech. Wara dan ma smajniex mingħandu għal xahar sħiħ u mbagħad ċempel isaqsi għall-aċċess għad-*database* ghax qal li kollox kien irranġat ma' tas-*cyber crime*. L-ghada, kumbinazzjoni, għamel konvenju mar-raġel ta' oħtu, Malcolm Ciantar, fuq proprjetà fid-database tagħna (vide Dok SM13). Dak iż-żmien Dorian Grech kien għadu kif qalli illi ma jistax jaħdem għaliex għadu kif għamel operazzjoni però nonostante dan irnexxielu isaqsi għall-aċċess għas-sistema, ifittex proprjetà għar-raġel ta' ohtu, imur għall-*viewing* tal-post u jagħlaq in-negozju. Il-kuntratt ta' bejgħ ta' din il-proprjetà sar xhur wara li Dorian waqaf jippresta s-servizzi tiegħu lil "Sensara Malta" u ċioé fit-22 ta' Ottubru 2019. *(fn. 21 A fol 239 tal-proċess; paragrafu 18.)*

*Il-paragrafu immarkat bin-numru 10 (fn. 22 Immarkat bil-linka, a fol 30 tal-proċess) tad-dokument li jirregola* Policies that must be followed in: *jipprovdi s-segwenti:*

> If this Consultancy Agreement is terminated and there are pending Agreements or/and deals to close off, an administrative fee of 10% for every Agreement and/or Deal to be closed off is due to the Company in order to finalize and get the conract published. The pending commissions due to the Consultant shall provided to him/her, once the cheques are deposited in the Company's bank account and cleared by the bank.

*Tania Cardona (fn. 23 A fol 141 tal-proċess) waqt ix-xhieda tagħha ppreżentat kopja tal-irċevuta tal-VAT bin-numru 30 u datata 22 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet John Micallef u Nadine Debono, (fn. 24 A fol 184 u 186 tal-proċess) fejn l-ammont indikat jirrappreżenta senserija fuq bejgħ ta' proprjetà. Hija kompliet tgħid li tiftakar ċar li kien Dorian Grech li kien is-sensar appuntat.*

*In oltre, Malcolm Ciantar (fn. 25 A fol 145 tal-proċess) fix-xhieda tiegħu xehed li l-attur kien preżenti waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali.*

*Illi fir-risposta ppreżentata mill-kumpannija konvenuta ġie eċċepiet li l-attur għandu jħallas id-differenza bejn il-ħamest elef Ewro penali u l-erbat elef, disa mija u ħamsa u sittin Euro bi tpaċija u għalhekk għandu jħallas l-ammont ta' erbgħa u erbgħin Euro lis-soċjetà konvenuta. Dan ukoll ġie imsemmi fil-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fejn talbet illi l-attur rikonvenzjat iħallas lis-soċjetà s-somma ta' erbgħa u erbgħin Ewro. Dan jirriżulta wkoll mill-ittra mibgħuta lill-attur datata 25 ta' Settembru, 2019.*

*Illi għalhekk jirriżulta illi l-ammont ta' €4,965 mitlub mill-attur taż-żewg kuntratti indikati iktar 'l fuq huma dovuti lilu mis-soċjetà konvenuta Janice & Sons Limited.*

*Illi fir-risposta għall-kontro-talba, l-attur rikonvenzjonat eċċepixxa li fil-kuntratt ta' ingaġġ hemm diversi kundizzjonijiet elenkati fih li jmorru kontra r-regolamenti tad-Direttur tax-Xogħlijiet. It-Tribunal odjern ma huwiex it-Tribunal Industrijali u għalhekk ma huwiex ser jidħol f'tali materja.*

*In oltre, la mill-provi prodotti u lanqas mis-sottomissjonijiet magħmula bil-miktub ma jirriżulta li l-attur ressaq proċeduri għar-rexissjoni tal-iskrittura u d-dokumenti ffirmati minnu. Lanqas ma jirriżulta li huwa kien ippropona proċedura sabiex jimpunja il-validità ta' tali skrittura u dokumenti, oltre l-kawża odjerna.*

*Illi is-soċjetà rikonvenzjonanti spjegat illi meta l-attur rikonvenzjonat kien għamel perijodu ta' żmien iżda fuq bażi self-employed mas-soċjetà u ċioe' bejn l-10 ta' Awwissu, 2018 u l-25 ta' Settembru, 2019, il-partijiet kienu daħlu fi ftehim li kien jikkontjeni* company policies *u l-konsegwenzi tal-ksur ta' tali* policies. *Il-kumpannija għamlet referenza għall-paragrafu li jgħid li Janice & Sons Limited ser toffri* training *obbligatorju b'xejn darba kull ġimgħa. L-istess paragrafu jispjega li jekk il-konsulent*

*jieqaf joffri s-servizzi tiegħu ta' sensar lis-soċjetà rikonvenzjonanti wara tlett xhur ta' tali servizz iżda qabel ma jgħaddu tlett snin mil-bidu ta' tali servizz, il-konsulent irid iħallas lil Janice & Sons Limited is-somma ta' €5,000. Is-soċjetà rikonvenzjonanti qalet li l-attur waqaf jagħti s-servizz tiegħu wara tlett xhur minn mindu beda s-servizz u qabel tlett snin mill-bidu ta' tali servizz.*

*Paragrafu 9 tad-dokument* Policies that must be followed in*: (fn. 26 A fol 30 tal-proċess; immarkat bil-linka) jipprovdi s-segwenti:*

> Training shall be provided to all the Consultants on a weekly basis either on Tuesday or Thursday depending on the scheduled week. Every Consultant is to attend the training on time unless previously notified otherwise. The training held shall take place at the Client's main office in Safi, whereby professional lectures shall be engaged to keep the Consultants well-informed and up-to-date with the current legislation and work practice. The training shall be free of charge and obligatory. Should a Consultant terminate his contract with the Client after three months but before three years of signing this consultancy agreement, the Consultant shall indemnify the Client EUR5,000 as a fee for the training provided to him/her;

*Jirriżulta ċar illi t-taħriġ kellu jsir jew nhar ta' Tlieta jew nhar ta' Ħamis u kull konsulent kellu jattendi għal tali taħriġ fil-ħin sakemm ma jkun informa mod ieħor. Dan it-taħriġ kellu jsir fl-uffiċċju tal-klijent ġewwa Safi fejn il-konsulenti kienu ser jingħataw* lectures *professjonali sabiex il-konsulenti jinżammu* up-to-date *mal-leġislazzjonijiet kurrenti kif ukoll prattiċi tax-xogħol.*

*L-attur fl-affidavit tiegħu qal li kien għamel operazzjoni u kif kien qed jirkupra żamm f'kommunikazzjoni kontinwa ma' Azzopardi. Kompla jgħid li tant kemm baqa' f'kuntatt illi fil-perijodu li kien bis-*sick leave*, Azzopardi kienet sejħet laqgħa għall-*part-timers*, u għalkemm kien informaha li ma setax isuq kien ftiehem ma* part-timer *oħra sabiex tgħaddi għalih u twasslu lura. Kompla jgħid li f'dik il-laqgħa kull ma sar kien li Azzopardi bdiet tħeġġeġ lil min kien preżenti sabiex jaħdmu iktar għaliex is-*sales *kienu qegħdin jonqsu, apparti li kienet qaltilhom li kienet imħabbta għaliex kienet ħierġa għall-elezzjoni tal-kunsill lokali. (fn. 27 Paragrafu 11; a fol 26 u 27 tal-proċess)*

*L-attur fil-kontro-eżami tiegħu (fn. 28 A fol 385 et seq tal-proċess) spjega li fiż-żmien ta' Marzu kellu jagħmel operazzjoni fi spalltu u ma setgħax isuq il-karozza privata tiegħu u li x-xogħol ta' sensara jirrikjedi li jkunu jistgħu isuqu biex iseħħu l-*viewings*. Kompla jispjega li wara l-operazzjoni imsemmija kellu jagħmel tmin ġimgħat ma jistax jaħdem. Kompla jgħid illi it-tlett obbligi li hemm fil-ftehim li ġie ffirmat, ma seta' jaqdi*

*xejn minnhom bejn Marzu u Settembru minħabba l-*injury *li kellu. Qal illi kienu jridu jsiru* training sessions*, però kienu jissejħu* internal meetings*, u kienu jsiru sabiex jigu informati bi proprjetà gdida u wkoll is-*sales targets*. Ċaħad li qatt kien involut f'xi* internal meeting *li fih kien preżenti xi espert bħala ma huwa nutar biex jagħmlilhom* training session*. Filfatt huwa qal li dawn it-*training sessions *ma kienux isiru. Huwa ma kienx preżenti għat-*training session *fit-18 ta' Awissu 2019 għaliex kien ġja ġie imwaqqaf mix-xogħol, fis-sens li ma kellux aċċess għal dan il-grupp.*

*Janice Azzopardi għan-nom tas-soċjetà konvenuta fl-affidavit tagħha (fn. 29 A fol 337 et seq tal-proċess) spjegat laqgħat li kienu saru kif ukoll ppreżentat serje ta'* screen shots *ta' laqgħat li kienu jsiru b'mod virtwali. Fil-kontro-eżami tagħha (fn. 30 A fol 382 et seq tal-proċess) qalet illi hija ma tiftakarx għal-liema laqgħat l-attur kien attenda. Spjegat illi t-*training *ikun rekordjat u kull min kellu aċċess tal-*google drive *kellu aċċess għall-istess taħriġ.*

*Hawnhekk jirriżulta illi għalkemm hemm serje ta'* screen shots *li jmorru lura anke fi żmien meta l-attur ma kienx jippresta s-servizzi tiegħu lill-kumpannija, kien hemm numru mhux ħażin ta' laqgħat fejn kien ikun speċifikat x'kien ser isir fihom u hu kien ikun imniżżel fihom. Saħansitra kien hemm uħud minnhom li kien irrisponda għalihom. Għalkemm huwa qal illi f'Marzu kien maħruġ mis-sistema u għalhekk ma setax ikun jaf bit-taħriġ li kien qed isir jirriżulta f'serje ta'* screen shots *illi huwa kien ikun '*tagged*' u għalhekk dan żgur ma setax ikun possibli kieku kien maħuġ mis-sistema imsemmija.*

*Għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jasal għall-konklużjoni li laqgħat b'mod professjonali ma kienux isiru.*

*Miċ-*chats *prodotti miż-żewg partijiet jirriżulta illi l-attur verament kien iżomm kuntatt ma' Azzopardi għalkemm b'mod sporadiku għall-aħħar. Jirriżulta li l-uniku referenza li hemm għal meta l-attur seta' kien bis-*sick leave *u kien kompla jippresta s-servizzi tiegħu wara tali* sick leave *kien fl-10 ta' Lulju, 2019, fejn il-konversazzjoni kompliet fuq ċekkijiet ta' kuntratti li saru. Jirriżulta wkoll li sussegwentement l-attur kien kellem lil Azzopardi (fn. 31 A fol 196 tal-proċess) fl-4 ta' Settembru fejn kien staqsiha jekk għadhiex imsiefra. Meta Azzopardi staqsietu għandux bżonn xi ħaġa l-attur irrispondiha li xtaq li jiltaqgħu ftit għaliex huwa jrid jerġa' jibda part-time sew u li kien qabad part-time ġo bar reġa' iżda jippreferi li jinvesti l-istess ħin f'xi ħaġa aħjar, filwaqt li staqsieha għal pagamenti pendenti. Sussegwentment intbagħtu messaġġi mill-attur fis-26 ta' Settembru fejn saqsa lil Azzopardi jekk kienetx għada msiefra u sabiex iħallas l-VAT li kellu pendenti u jiġbor ħlas għal kuntratt li kien sar f'Marzu fejn kienet infurmatu li kienet intbatitlu ittra sabiex iħallas il-penali ta' €5,000 talli kien*

*waqaf joffri s-servizz wara 3 xhur u qabel 3 snin li kien iffirma l-ftehim. Jirriżulta wkoll illi l-ittra għall-ħlas ta' penali lill-attur ntbaghtet fil-25 ta' Settembru, 2019 (fn. 32 A fol 192 tal-proċess), u ċioe' jum qabel ma l-attur ikkuntattja lil Azzopardi.*

*L-attur in kontro-eżami xehed li huwa ma kienx qed jippresta s-servizzi tiegħu bejn Marzu u Settembru minħabba l-*injury *li kellu meta fl-affidavit tiegħu qal illi huwa kien informa lil Azzopardi li kellu tmin ġimgħat li ma setax jaħdem. Madanakollu jirriżulta illi fl-10 ta' Lulju kien bagħat messaġġ lil Azzopardi fejn qalilha li kien reġa' daħal lura għax-xogħol għaliex xebgħa d-dar u suppost kellu jidħol fil-15 (fn. 33 A fol 195 tal-proċess). Allura dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif minn tmin gimgħat li ma jistax jippresta is-servizzi saru sitt xhur.*

*Jirriżulta wkoll illi tali kuntatt mas-soċjetà rikonvenzjonanti kien b'mod sporadiku u l-messaġġi kienu iktar dwar ħlasijiet milli dwar xogħol.*

*It-Tribunal ra li l-partijiet qablu illi d-data li l-attur ma baqax jippresta s-servizzi tiegħu lis-soċjetà konvenuta kien fil-25 ta' Settembru, 2019. Li ma hemmx qbil fuqu huwa jekk l-attur waqafx jippresta s-servizzi min-naħa tiegħu jew inkella jekk ġiex imwaqqaf mill-kumpannija. L-attur argumenta li huwa qatt ma waqaf mis-servizz iżda kienet il-kumpannija li kisret il-kundizzjonijiet li kien hemm fil-ftehim iffirmat bejniethom. Għalkemm is-soċjetà konvenuta qablet li l-attur waqaf jippresta s-servizzi tiegħu fil-25 ta' Settembru, 2019, hija rrilevat illi huwa kien waqaf qabel, u dan stante li kien qal lil Azzopardi li kien reġa' qabad* part-time *ġo bar, u li xtaq jiltaqa' magħha għax ried jerġa' jaqbad* part-time *sew u dan kien qabel id-data maqbula fuqha mill-partijiet u ċioe' fl-4 ta' Settembru.*

*Ic-*chat *tal-4 ta' Settembru jgħid is-segwenti:*

Attur: Kif aħna Jan?

Għadek imsiefra int?

Azzopardi: Iva

Għandek bżonn xi ħaġa ħi

Fadalli imsiefra jien

Attur: Ahhh ok

U le xejn kbir

Xtaqt niltaqgħu naqra, għax irrid nerġa' nibda *part time* sew

U ridt insaqsik ukoll jekk hux clear ic-cheque tal-kuntratt li kien sar please

Qbadt *part time* ġo bar erġajt, imma to tell you the truth, nippreferi ninvesti l-istess ħin f'xi ħaġa aħjar (fn. 34 A fol 196 tal-proċess)

*Fir-rigward tal-messaġġ hawn fuq ċitat, Azzopardi kkonfermat illi permezz ta' dak il-messaġġ l-attur kien informaha li kien qed jaħdem ġo bar, u li kienet fehmet li huwa ma kienx għadu membru ta' Sensara Malta. Min-naħa tiegħu l-attur fir-rigward tal-istess messaġġ l-ewwel qal li dan il-messaġġ "*għandu jinftiehem fis-sens illi jiena kont qed nitlob biex nerġa' niġi mdaħħal fis-sistema u mhux li l-impjieg tiegħi kien ġie b'xi mod itterminat*", imbagħad qal "*ngħid illi minn dawn it-tliet obbligi fejn hemm l-obbligi tagħna jiena minn dawn l-obbligi effettivament ma stajt naqdi xejn bejn Marzu u Settembru minħabba l-injury li kelli, kif semmejt qabel. Mistoqsija jekk jiena kontx naħdem part-timer f'bar, ngħid illi jiena f'dak l-istess żmien kont qed nagħmel talba lilha biex **nerġa' nidħol naħdem magħha**."

*Illi għalhekk jirriżulta ċar u ġie konfermat minnu stess illi l-attur rikonvenzjonat kien waqaf jippresta s-servizz tiegħu mas-soċjetà konvenuta qabel l-4 ta' Settembru u kien permezz ta' dan iċ-*chat *illi kkonferma dan mas-soċjetà konvenuta-rikonvenzjonanti, fejn konsegwentement is-soċjetà konvenuta bagħtet l-ittra sabiex iħallas l-penali skont il-ftehim iffirmat.*

*Illi s-soċjetà rikonvenzjonanti fil-kontrotalba talbet għat-tpaċija u ċioe' li mill-ħamest elef Ewro penali tal-ksur tal-ftehim li għandu jħallas l-attur rikonvenzjonat issir tpaċija mal-ammont mitlub minnu u ċioe' l-ammont ta' erbat elef, disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro u għalhekk l-attur rikonvenzjonat iħallas l-ammont ta' erbgħa u erbgħin Ewro."*

## <u>L-Appell</u>

8. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-8 ta' Marzu, 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex

*"...jogħġobha tirriforma l-preċitata sentenza tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar fil-kawża fl-ismijiet premessi tas-16 ta' Frar 2022, u dan billi tħassar u tirrevoka l-istess sentenza tat-Tribunal u tobbliga lill-konvenuti iħallsu s-somma ta' erbat elef, disa' mija u sitta u ħamsin ewro (€4,956) bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati".*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn:

*"1. It-Tribunal iffoka fuq is-somom dovuti bħala djun, u qabbilhom 'like with like', mentri mhumiex. L-applikazzjoni ta' art. 1196 Kap 16 mit-Tribunal hi waħda żbaljata. Fir-rigward tal-appellant s-somma ta' €4,956 tirrigwardja appalt li sar, u l-€5,000 hu obbligu dovut li ma sarx kif iwiegħed, li qatt ma ġie komplut b'mod ċar.*

*2. Illi t-Tribunal ma kkunsidrax bir-reqqa l-kuntest ulterjuri li l-attur qatt ma telaq minn jeddu, iżda kellu x-xogħol terminat mill-konvenuta u dana sar u bażi verament arbitrarja tagħha.*

*3. Illi t-Tribunal ma kkunsidrax il-kwalità ta' taħriġ li attwalment ingħata li żgur ma jista' qatt jiġi kkunsidrat bħala wieħed mogħti minn persuna professjonist/a, u dan immur kontra dak stipulat fil-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet."*

9. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-13 ta' Ġunju, 2022 fejn stqarret li fil-fehma tagħha s-sentenza appellata hija ekwa u ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

## **<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[l-applikazzjoni tal-artikolu 1196 tal-Kap 16 hija waħda żbaljata]*

11. L-appellant jikkontendi li għalkemm it-Tribunal qabbel is-somom dovuti bħala *'like with like',* dawn ma kienux u għalhekk kienet żbaljata l-applikazzjoni tal-artikolu 1196 tal-Kap. 16. Jispjega li fir-rigward tiegħu s-somma ta' €4,956 tikkonċerna appalt, u għal dak li jirrigwarda s-somma ta' €5,000, dan kien obbligu dovut li ma sarx skont kif kien imwiegħed. L-appellant jispjega li l-prinċipju ta' tpaċija ma japplikax għaliex l-obbligi jridu jkunu tal-istess kwalità, iżda fil-każ odjern it-Tribunal ta biss attenzjoni lill-kwantità tas-somma.

12. Is-soċjetà appellata tilqa' billi fl-ewwel lok issostni li fl-ewwel istanza l-appellant ma kienx qajjem eċċezzjoni dwar l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' tpaċija, u għalhekk ma jistax jagħmel dan fil-proċeduri tal-appell. Tgħid li meta l-appellant qiegħed jinsisti fuq il-prinċipju ta' tpaċija billi jallega li dan ma kellux jiġi applikat fil-kawża fl-ewwel istanza, huwa mhux qiegħed jagħmel distinzjoni bejn (i) il-prinċipju ta' tpaċija meta din tiġi proposta bħala eċċezzjoni f'risposta għal talba; u (ii) il-proċedura ta' kontro-talba fiha nnifisha. Tirrileva li l-appellant qiegħed jallega li t-Tribunal applika l-artikolu 1196 tal-Kap. 16, iżda dan qatt ma ssemma mill-istess Tribunal u lanqas mill-partijiet tal-kawża. Is-soċjetà appellata tgħid li l-artikoli applikabbli f'din l-istanza huma dawk dwar ir-rikovenzjoni, jiġifieri l-artikolu 396 *et seq.* tal-Kap. 12, u tispjega li l-kontro-talba tagħha ġejja mill-istess kuntratt u mill-*company policies* bejn il-partijiet, u li fuqhom l-appellant sejjes it-talba oriġinali tiegħu, u dan kif tirrikjedi l-liġi.

13. Kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellata, l-appellant ma kien qajjem l-ebda eċċezzjoni fil-konfront tal-kontro-talba tagħha għat-tpaċija ta' dak li qiegħed jallega li huwa dovut lilu, u dak li hija qegħda tippretendi mingħandu. Dan minkejja li t-talba tas-soċjetà appellata saret b'mod espliċitu fejn ġie sottomess lit-Tribunal fl-imsemmija kontro-talba li *" ...l-attur, permezz ta' tpaċija għandu jħallas lis-soċjetà konvenuta d-differenza bejn ħamest elef Ewro (€5,000) u erbat elef u disgħa mija u sitta u ħamsin Ewro (€4,956), u ċioe l-ammont ta' erbgħa u erbgħin Ewro (€44.00)".* Saħansitra tinnota li l-appellant ippreżenta difiża fil-mertu sabiex jissostanzja l-eċċezzjoni tiegħu li huwa mhuwiex debitur tas-soċjetà appellata. Għaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tissenjala li mhux permess proċeduralment li jitressqu eċċezzjonijiet ġodda fl-istadju tal-appell, għaliex dan iċaħħad il-parti l-oħra mill-eżami doppju li l-liġi tipprovdi għalih permezz tal-appell, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju tal-appellant.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal ma kkunsidrax bir-reqqa li huwa ma kienx telaq minn jeddu iżda ġie terminat]*

14. It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-kwistjoni jekk huwa kienx telaq minn jeddu jew altrimenti x-xogħol tiegħu ġie terminat min-naħa tas-soċjetà appellata. Huwa jikkontendi li fil-fatt xogħlu kien ġie tterminat b'mod tassew arbitrarju. Jispjega li huwa ma kien ingħata l-ebda raġuni valida għajr għal spjegazzjoni ġenerika fejn ġie allegat li huwa ma kienx mexa mal-kuntratt, ma kienx jaċċessa d-*database* tal-proprjetajiet li kienu għall-bejgħ, u malintiż ta' messaġġ fuq *chat* fejn kien hemm riferiment għal xogħol *part-time* f'bar. L-appellant jikkontendi li terminazzjoni ta' mpjieg ma jsirx skont *chat* informali,

iżda skont verifiki kif għandu jkun. Jirrileva ukoll li saħansitra lanqas kien hemm data meta huwa allegatament waqaf mix-xogħol, u s-soċjetà appellata kienet iġġustifikat l-aġir tagħha billi bagħtet ittra fejn talbet il-ħlas tal-penali, mingħajr prova ċara u inekwivoka tal-allegata terminazjoni volontarja tiegħu. L-appellant jirrileva wkoll li kien isir diskors min-naħa ta' Janice Azzopardi quddiem l-impjegati, li m'hemmx biżżejjed bejgħ u għalhekk ma kienx kumbinazzjoni li l-impjieg tiegħu ġie itterminat, fl-istess żmien li ġew terminati *part-timers* oħra. Jikkontendi li t-Tribunal injora għal kollox fatti rilevanti fl-affidavit ippreżentat minn Janice Azzopardi, fejn din qalet li huwa ma kienx impjegat iżda konsulent, u li huwa kien jiġi riferut b'mod informali bħala *part-timer* u qatt ma seta' jitkeċċa.

15. Is-soċjetà appellata tilqa' billi tirrileva li l-appellant mill-ġdid hawn qiegħed jikkontendi b'mod inkorrett li huwa kien impjegat tagħha, u dan minkejja li hija kienet ippruvat l-oppost. Filwaqt li hija tagħmel riferiment għad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal osserva li l-ftehim ippreżentat mill-appellant stess a *fol.* 32 tal-proċess, kien juri mit-titlu tiegħu stess li dan kien *consultancy agreement,* fejn l-appellant ma kienx impjegat iżda konsulent indipendenti. Hija tagħmel riferiment għad-diversi klawsoli ta' dan il-ftehim in sostenn tal-argument tagħha, u tgħid li l-fatt li l-appellant ma kienx impjegat, kien ġie kkonfermat mir-rappreżentant ta' Jobsplus. L-appellant stess in kontro-eżami iddikjara li *"...l-arrangament li kellna bejnietna kien illi aħna nkunu self-employed".* Tgħid li huwa qatt ma kien impjegat u qatt ma twaqqaf mill-impjieg tiegħu, u barra minn hekk l-allegazzjoni tiegħu li hija kienet itterminat l-impjieg ta' nies oħra ma kinitx minnha.

16. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant. It-Tribunal filwaqt li għamel riferiment u ċċita l-kontenut taċ-*chat* tal-4 ta' Settembru, 2019 bejn l-appellant u Janice Azzopardi, ikkunsidra li minn dak li qal l-appellant hawnhekk, kien jirriżulta kif saħansitra kkonfermat mill-appellant stess, li huwa kien waqaf jippresta s-servizzi tiegħu lis-soċjetà appellata qabel l-imsemmija data u konsegwentement din kienet bagħtitlu ittra għall-ħlas tal-penali skont il-ftehim ta' bejniethom. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal hawn fehem sew dak li kien qed ifisser l-appellant fl-imsemmija *chat* u l-implikazzjonijiet ta' kliemu, jiġifieri li fil-fatt huwa kien waqaf milli jippresta s-servizzi tiegħu, altrimenti ma kienx jagħmel talba lil Janice Azzopardi sabiex jiltaqa' magħha għaliex xtaq jerġa' lura.

17. Għaldaqstant il-Qorti ssib dan l-aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal ma kkunsidrax il-kwalità ta' taħriġ li ngħata, li jmur kontra dak stipulat fil-kuntratt]*

18. L-appellant jikkontendi li t-taħriġ miftiehem ma jistax jiġi kkunsidrat li ngħata minn persuna professjonist/a, u jgħid saħansitra li ma kienx tal-kalibru ta' €5,000, fejn illum il-ġurnata għal dik is-somma wieħed jista' isegwi kors ta' *Masters* jew *postgraduate* fl-Università. Jissottometti li s-soċjetà appellata min-naħa tagħha ma ressqet l-ebda xhud professjonist sabiex jikkonferma li huwa qatt ingħata xi tip ta' xi taħriġ, u dan għaliex qatt ħadd ma ta xi tip ta' informazzjoni jew taħriġ. Jgħid li l-obbligu tat-taħriġ fil-fatt ma sarx kif kellu jkun u twettaq minflok b'mod superfiċjali. Għalhekk l-appellant jikkontendi li s-soċjetà appellata ma setgħetx timponi l-penali ta' €5,000, meta t-taħriġ suppost li kellu jingħata min-nies professjonisti kif stipulat.

19. Is-soċjetà appellata tilqa' billi tgħid li l-appellant hawn qiegħed jikkontradixxi dak li rrileva fir-risposta tiegħu għall-kontro-talba tagħha quddiem it-Tribunal, fejn huwa kien qal li ma kien irċieva l-ebda tħarriġ. Tirrileva li l-appellant ma jistax juża l-proċedura odjerna sabiex jaddotta pożizzjoni diversa u jagħmel argumenti fuq l-istess materja minn angoli ġodda. Tgħid li l-appellant mhux biss ma qajjem l-ebda argument bħal dan quddiem it-Tribunal, iżda wkoll qatt ma ressaq prova dwar il-kwistjoni. Tgħid ukoll li ma jagħmel l-ebda sens li wieħed jagħmel paragun ma' kors edukattiv fl-Università għaliex dawn m'għandhomx x'jaqsmu. Minn hawn is-soċjetà appellata tgħaddi sabiex tirribatti l-argumenti tal-appellat dwar il-mertu tal-aggravju tiegħu, iżda l-Qorti sejra qabel xejn tikkunsidra dan l-ewwel argument tagħha kif fuq imfisser.

20. Il-Qorti tagħraf li huwa minnu li fir-risposta tiegħu quddiem it-Tribunal, l-appellant irrileva li huwa ma kien irċieva l-ebda tħarriġ, u għalhekk argumenta li huwa m'għandu jirrifondi l-ebda dritt kif pretiż mis-soċjetà appellanta. Il-Qorti tgħid li ma jirriżultax li fir-risposta tiegħu huwa kkontesta l-kwalità ta' taħriġ mogħti, u dan saħansitra ma setax għamlu jekk huwa kien qiegħed jallega li ma rċieva l-ebda taħriġ. Għalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib li l-appellant qiegħed iressaq argumenti ġodda f'dan l-istadju tal-appell u għar-raġuni diġà mfissra aktar 'il fuq f'din is-sentenza, ma tikkunsidrax li jkun xieraq li tittratta dan l-aggravju tiegħu, u għalhekk qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tielet aggravju tal-appellant, tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħad il-kumplament tal-appell, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**